# RUZAR BRIFFA — POEZIJI

*Studju Kritiku*

*Ta'* A.Z.

RUŻAR BRIFFA huwa poeta fil-veru sens tal-kelma—kien hekk sa mill-bidu tal-ħajja poetika tiegħu u baqa' dejjem hekk; jikteb ftit, imma biss meta tmissu l-lehma u mhux għall-okkażjoni. Il-versi tiegħu, għalhekk, huma dejjem frott ta' passjoni sensitiva li toħroġ imbaqbqa u mfawra mill-qalb; huma jibdew u jtemmu mal-mument ta' l-ispirazzjoni u ma jippruvaw b'ebda mod janalizzaw il-ħsieb jew il-ġrajja li jqanqluhom.

L-imħabba, imdawla mit-tagħlim ta' Kristu; il-ġmiel, seħer il-ħolqien t'Alla; il-ħolm tal-ħajja, ("Il-Għażla Tiegħi" p. 107), imsaħħaħ mit-tama, iżda li bosta drabi jisfa' fix-xejn u jnissel swied il-qalb—sentment li jtenni ruħu fil-poeżija ta' B.; —il-ħajja ta' dejjem, faraġ ta' l-imnikket ("Il-Holma Eterna" p. 74, "Sbuħija Immortali" p. 110, "Resurrectio Animae" p. 130) huma n-nixxigħat ewlenin li minnhom il-kitba tiegħu tieħu l-ħajja u tissawwar.

Għalhekk insibu l-P. jixgħel bl-imħabba għal art twelidu u l-ġens li jgħammar fiha ("Ġens Malti :" p. 7) u f'"Jum ir-Rebħ" (p. 68) ikanta l-qawmien tal-poplu tagħna f'versi li għall-qawwa tas-sentiment nazzjonali jħabbtuha ma' ta' l-akbar poeti Maltin.

U għax tassew Malti, ma jistax jonqos li t-twemmin ta' missirijietna, dik l-Emmna qaddisa li għaġnet il-ħajja Maltija sa minn żmien "Ħaġar Qim" (p. 50), ma għandux setgħa qawwija fuq il-poeta tagħna, jaħkmu bil-ħlewwa u jispiralu versi li jsaħħru bi ġmielhom għax sinċieri u ħerġin minn qalb tassew sensitiva. Ir-Reliġjon, għalih, hi ideal tassew ġenwin u l-aktar għoli li jsaħħu, ifarrġu u jirfdu meta jħoss ruħu mqalleb mid-lwejjaq u l-ferħ u mġebbed 'l hawn u 'l hinn mix-xejriet spiritwali jew materjali li jħabbtu l-ħajja tal-bniedem. F'dan is-sens ir-Reliġjon hi tassew nixxiegħa ħajja u art għammiela ta' poeżija mdawla mill-imħabba li Kristu ta lill-bnedmin, u mnikkta mill-frugħa tal-ħajja Maltija tal-lum, bħalma naraw fi "Ir-Rebħa ta' Settembru" p. 10, "Wieħed Biss" p. 35, "Il-Għid tal-Maħfra" p. 38, "Il-Għanja ta' l-Imnikket" p. 62, u "Il-Kotra u Jien" p. 79, "Mater Dolorosa", p. 111, "Tristis Est Anima Mea" p. 119, "Predestinazzjoni" p. 127.

Dawn is-sentimenti għandhom effett profond fuq il-qalb sensitiva tiegħu u minnhom jikseb ispirazzjoni qawwija li tixħet leħħa fuq dak li l-qalb imħarbta tal-bniedem tistor ġo fiha; il-ferħ u d-dwejjaq, it-tama u l-qtigħ il-qalb, l-illużjoni u d-disillużjoni.

Minn dan ġej li n-nota mużikali tal-versi ta' Briffa tħossha titriegħed bi swied il-qalb, għax għall-P. il-ħajja hi fiergħa, tegħja u tintemm malajr ("Għajjiena, Le Xebgħana" p. 32), għaliex il-ħajja twiegħed u ma tagħtix dak li twiegħed la fl-imħabba ("Tfajla Toħlomx" p. 9) u lanqas fl-ideal ("Il-Kotra u Jien" p. 79—[Anestesija]) filwaqt li l-ferħ tal-ħajja jiġi bħal żiffa riħ f'lejla sajfija, li bħalha jgħaddi malajr u warajha terġa' taqa' s-sħana li ddejjaq ("Għasfur Igħanni" p. 69).

Fil-qofol tagħha, il-musa ta' R.B. hi lirika, jiġifieri soġġettiva, fejn il-P. juri lill-qarrej b'mod fin u delikat it-tqanqil ta' qalbu, anzi kważi joħorġu fil-beraħ għal kollox ("Lil Ommi" pp. 26-27, "Epithalamion" p. 34), saħansitra meta qalbu titniehed għaliex maħqur mill-ideal li ma jistax jintlaħaq fuq din l-art iebsa. F'dan is-sens il-P. hu egoista, jiġifieri l-*Ego* huwa l-qalba ta' l-ispirazzjoni tiegħu, jew fi kliem ieħor, hu jgħidilna kif ġrajja jew ħsieb jolqtu lilu u xejn aktar, bħalma naraw f'dk il-poeżija mistika ta' l-imħabba ("Kenn l-Imħabba" p. 20), fejn il-vers u l-ħsieb huma tant ħelwin li jgħaxxquk.

Barra li hu wieħed mill-aqwa poeti liriċi li bihom tissebbaħ u tiftaħar il-letteratura Maltija, R.B. hu wkoll mgħallem tal-ballata li hu kiteb f'diversi metri, imsawrin minn versi ta' ħlewwa ta' ħoss liema bħalu. Il-ġrajja li hu jagħżel biex ikanta, sew jekk għandha sfond storiku bħal "Il-Ballata ta' Harufa" p. 102 jew "Ballata" p. 36, sew jekk le, bħal "Il-Ballata ta' Erinni" p. 22 hi dejjem storja ta' niket li tqanqlek mhux biss minnha nfisha imma wkoll mill-mod li bih jippreżentahielna l-P.

Biex ngħiduha hekk, ma hawnx poeta liriku li ma nqediex bis-sunett biex ifisser is-sentimenti tiegħu. Għalkemm ma nistgħux ngħidu li f'din ix-xorta ta' kompożizzjoni poetika Briffa laħaq l-ogħla quċċata bħal Dun Karm f'"Dun Mikiel Xerri" jew Ġorġ Pisani f'"Lil Mikiel Anton Vassalli", b'danakollu hu ħadem mhux ħażin is-sunett petrarkjan bħal f'"Lil Qalbi" p. 12, u "Il-Milied" p. 25; wieħed, iżda jkollu jgħid ukoll li paragunati mal-poeżiji l-oħra ta' Briffa dawn is-sunetti huma xi ftit ebsin u li fuq kollox għandhom it-tmiem ta' l-aħħar terzina daqsxejn dgħajjef, għalkemm forsi dan ma jgħoddx għas-sunett "Tħażżinna Wisq" p. 45.

Xi ħamsa u tletin sena ilu, minn moħħ Franġisk Saverju Caruana, li dak iż-żmien kien Segretarju tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u ammiratur kbir ta 'l-istudent poeta R.B. għadda ħsieb ikraħ. Min jaf, staqsa hu, jekk dan il-blanzun ħleju li beda jiftaħ kienx ser jibqa' jimla sakemm iwarrad, iżejjen ma' dwaru u jferrex il-fwieħa tiegħu ma' kullimkien? Fl-1927 ("Lil F.S. Caruaaa" p. 16) R.B. wieġeb li tkun traġedja għalih jekk il-musa tiegħu timmuta għaliex il-poeżija kienet ħolma li hu stess kien ħalaq ħalli ssabbar ftit qalbu—kif imbagħad reġa' tenna dan l-aħħar (1960) meta lill-qarrejja ta' din id-damma ta' poeżiji qalilhom li dawk il-versi swewlu ħafna ġid bħala "escapism". F'dik l-istess tweġiba nsibu l-fehma tal-P. fuq il-ħajja, kif kien iħoss ruħu maqtugħ għalih waħdu mill-bqija tal-bnedmin (ara wkoll "Mill-Ġdid Poeta" p. 47) għaliex kien poeta u kif fil-poeżija ried isib ir-raġuni ta' l-eżistenza tiegħu: igħix għas-sbuħija u jmut għaliha. ("Sbuħija", p. 105).

Għalkemm għal xi snin sħaħ il-P. tagħna donnu tbikkem quddiem il-ġrajja li ra ma' wiċċu (1935, 36, 37, 39, 49, 50) u baqa' sieket, b'danakollu nistgħu ngħidu li x-xewqa ta' Rużar seħħet għaliex matul medda ta' tletin sena huwa kanta: baqa' jferraħna bil-ġmiel tal-versi tiegħu, baqa' jdewwaqna l-għasel bnin tal-kelma Maltija, issemgħalna l-mużika ħelwa tal-metru Malti, iqawwilna qalbna fil-hemm, jaqsam magħna n-niket u l-ferħ, il-ħolm u l-qerq tal-ħajja, u fuq kollox ifisser dak li aħna nħossu iżda nostru ġo fina għax ma għandniex il-ħila nuruh fil-beraħ tal-kitba.

Fil-bidu tal-ħajja letterarja tiegħu ninnotaw li l-ispirazzjoni poetika kienet qawwija ħafna filwaqt li f'dak li għandu x'jaqsam mat-teknika, il-P. ma kienx għadu sod biżżejjed. Maż-żmien, il-lehma donnha bdiet ta' xi kull tant tonqis mill-qawwa tagħha filwaqt li naraw lil Briffa jagħmel progress sew fit-tħaddim tal-vers, li kull ma jmur idoqq aktar melodjuż, kif ukoll, fil-għażla tal-metru, hekk li bosta drabi jirnexxielu joħloq armonija l-aktar sħiħa u li tpaxxi lill-widna. F'dan il-kamp, infatti, R.B. baqa' dejjem jagħmel esperimenti ġodda sakemm iffissa ċerti metri li kienu milqugħa mill-poeti ta' warajh.

Ma nistgħux ma ninnotawx fl-aħħarnett li fi B. hemm vina romantika mħallta ma' l-element reliġjuż; anzi, nistgħu ngħidu li kien hu li, wara l-poeżija klassika ta' Dun Karm, Patri Cuschieri u Ninu Cremona daħħal din ix-xejra fil-poeżija Maltija li iffruttat fil-poeżija romantika ta' Ġorġ Pisani.

Minbarra dan kollu hemm xi ħaġ'oħra li tiġbed il-P. lejn il-qarrejja. L-ideat tiegħu huma sempliċi u hu jressaqhom quddiemna b'mod li jifhimhom u jħosshom kulħadd;* imbagħad, barra li huma mfissrin f'versi li jdoqqu għall-widna, huma msawrin minn kliem korrenti, jiġifieri użati mill-kotra kbira tan-nies u rari tibqa' fid-dubju dwar it-tifsira ta' xi kelma. Dawn huma preġji kbar li jissoktaw jiġbdu l-qarrej lejn is-sabiħ u jkabbru l-apprezzament tiegħu għax-xogħol ta' dan il-POETA tal-GMIEL.